MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 2248/2003

**Martin Scerri**
**Vs**

**Toys N' Kids Ltd**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta' Lm505.74 (hames mija u hames liri Maltin u erbgha u sebghin centezmu) bhala bilanc fuq somma akbar rappresentanti l-prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata.

Bl-ispejjez u interessi kontra s-socjeta' konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur lis-socjeta' konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fl-24 ta' Novembru 2003 u naqas u ma dehrx meta gewipprezentati l-kapitoli fis-26 ta' Jannar 2004 u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------